# TEŻORI F'BIRKIRKARA

# L-ISTATWA TA' SANTA LIENA

## Tagħrif miġbur minn Frans Pullicino

Vincenzo Borg imlaqqam 'Braret' flimkien ma' Rev. Ca. Ġużeppi Debono kien il-prokuratur tal-knisja ta' Santa Liena. Hu ħabb pajjiżu ħafna u dejjem xtaq li jħalli wirt lil pajjiżu Birkirkara, billi jħallas minn butu opri għall-knisja tagħna. Dan Vincenzo Borg, twieled fil-11 ta' Jannar 1767 minn Aloisio u Rosa, familja għanja. Vincenzo kien neguzjant tal-qoton u kien tat-tajjeb, kien jgħin lil kulħadd għonja u fqar. Fl-imblokk kontra l-Franċiżi, meta ra li dawn l-ewwel weġħdu ħafna imbgħad ipprofanaw l-aktar żewġ affarijiet għeżież għalina l-Maltin, ir-reliġjon u l-libertà, ma ħasibhiex darbtejn biex organizza l-karkariżi u ħadha kontra l-Franċiżi. B'sinjal ta' ħiltu u b'radd ta' ħajr ta' għemilu ġie maħtur kavallier. Fl-1837 Vincenzo Borg marad u fl-10 ta' Lulju ta' l-istess ena quddiem in-nutar Salvatore Carmelo Gera għamel testment fejn fost ħwejjeġ oħra ħalla 4000 skud għall-foqra u 500 skud għall-knisja ta' Birkirkara. Miet ftit ġranet wara u ndifen fil-kripta tal-familja fil-parroċċa.



Wieħed mill-isbaħ rigali li ħalla lil Birkirkara tagħna, kienet l-istatwa ta' Santa Liena, statwa li ma tixba' qatt tħares lejha. Fiduċjuż li jħalli opra imprezzabbli warajh, hu avviċina lil Mastru Salvu Psaila biex jaħdimlu statwa tal-Patruna tagħna. Dan l-iskultur ta' ħila twieled Bormla iżda ġie joqgħod Birkirkara fi triq il-Wied. Għax-xogħol sabiħ kemm fl-istatwa li għamel u kemm fl-artal maġġur il-prepostu ta' dak iż-żmien Rev. Kan. Dun Salv Spiteri flimkien mal-Kapitlu għamlulu funeral kif jixraq meta miet nhar it-12 ta' Diċembru 1871, u midfun ukoll fil-kripta tal-parroċċa tagħna.

Il-vara ta' Santa Liena inħadment fid-dar imsejħa "Ta' Santa Liena" fit-Triq Għargħur u kellha toħroġ minn dik id-dar f'Awissu 1837 b'pompa kbira għall-festa tal-patruna stess. Kellha tidħol bil-briju u trijonfalment fil-knisja, liema ġrajja iżda ma kellhiex isseħħ. Dan ġara peress li l-benefattur tagħha, Vicenzo Borg, marad serjament tant li miet nhar is-16 ta' Lulju 1837 u ġie trasportat minn Ħal Balzan għall-knisja kolleġjata fejn saret quddiesa għar-ruħu. Għall-okkażżjoni tal-funeral l-istatwa ġabuha mill-palazz ta' Santa Liena bil-kwiet għall-parroċċa fejn poġġewha quddiem il-benefattur tagħha, kadavru f'nofs il-korsija. Billi Salvu Psaila l-iskultur kien jemmen bl-għajn ħażina, u biex il-vara ma tiġrilhiex ħsara, qiegħed ħdejn riġlejha bomblu b'wiċċ ta' maskra pinġut fuqha. Kien mument ta' swied-il qalb u niket kbir. L-istatwa meta nħadmet, injam waħidha b'reqqa kbira, ma kienitx indurata kif nafuha llum. Għalhekk ħaduha l-Belt fejn ġiet indurata u poġġewlha kuruna ġdida tal-fidda fl-1919, għaddiet mit-toroq prinċipali ta' Birkirkara, akkumpanjata mill-baned tal-post (il-banda tagħna kienet għadha kif tiġi ffurmata) fost il-briju u d-dellirju tan-nies sa ma daħlet fil-knisja kolleġjata. Kienet okkażżjoni li pattiet għall-ġrajja ta' żmien qabel.

Statwa li aħna għandna x-xorti li ngawduha darbtejn fis-sena meta tgħaddi mit-toroq tagħna, statwa li tagħmlilna ġieħ u teżor għal qalb kull karkariż.